MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR.
## ANTONIO MICALLEF TRIGONA

Seduta tal-5 ta' Novembru, 2008

Numru 1081/2008

Il-Pulizija
(Spettur Daniel Zammit)

Vs.

Herman McKay

Il-Qorti,
Rat l-akkuzi kontra l-imputat, detentur tal-karta tal-identità numru 590483(M) akkuzat talli:

1. fit-3 ta' Novembru 2008, u fil-granet ta' qabel din id-data, xjentament laqgha ghandu jew xtara hwejjeg misruqa li l-valur taghhom jeccedi s-somma ta' elfejn tliet mija u disgha u ghoxrin euro u sebgha u tletin centezmu (€2,329.37), mehuda b'qerq jew akkwistati b'reat, sew jekk sar f'Malta kif ukoll barra minn Malta jew xjentament b'kull mod li jkun, indahal biex ibieghhom jew imexxihom;
2. irrenda ruhu ricediv ai termini tal-Artikoli 49, 50 u 289 tal-Kap 9 wara li nstab hati b'diversi sentenzi tal-Qrati

ta’ Malta liema sentenzi saru definittivi u ma jistghux jinbidlu.

Semghet lill-imputat f’din l-ewwel udjenza jammetti l-akkuzi fl-liema ammissjoni huwa nsista anka wara li l-Qorti taghtu zmien jirrikonsidra.

Rat l-atti u d-dokumenti kollha.

Ikkunsidrat:

Illi fuq l-iskorta tal-ammissjoni volontarja u inkondizjonata tal-imputat issibu hati tal-akkuzi kontrih migjuba li jitrattaw r-ricettazzjoni u r-recidiva.

Rat l-Artikolu 334, 261(c), 279(a) 49 u 50 tal-Kap 9 u wara li hadet qies it-trattazzjoni dwar il-piena tiddeciedi li tilliberah bl-applikazzjoni tal-Artikolu 22 tal-Kap 446 zmien sena mil-lum bil-kundizzjoni li ma jaghmilx reat iehor f’dan il-perjodu.

Il-Qorti spjegat lill-imputat il-konsegwenzi ta’ din is-sentenza.

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------